# L-Emofilja fi stampi



## L-ewwel parti

Introduzzjoni
għall–
emofilja

L-emofilja fi stampi

*© World Federation of Hemophilia, 2005*

*Oriġinarjament, din il-pubblikazzjoni kienet ippubblikata bl-Ingliż mill-World Federation of Hemophilia (WFH) u ġiet trodotta bil-permess.*

*Id-WFH mhix responsabbli għal din it-traduzzjoni jew għal żbalji jew tibdil fil-kontenut minn dak li jidher fl-edizzjoni oriġinali bl-Ingliż.*

*Din il-pubblikazzjoni hija waħda minn sensiela ta' kapitli. Id-WFH tinkoraġġixxi lill-qarrejja biex jikkonsultaw mal-kapitli kollha f'din il-pubblikazzjoni.*

*Din il-pubblikazzjoni ġiet trodotta u stampata mill-Malta Bleeding Disorders Society, 2021.*

MBDS MALTA BLEEDING DISORDERS SOCIETY

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

## L-ewwel parti: Introduzzjoni għall-emofilja

- Kif jimxi d–demm madwar il–ġisem?
- Kif jibda u kif jieqaf id–demm?
- Għala persuni bl–emofilja, xi drabi jdumu jnixxu d–demm aktar minn persuni oħra?
- L–emofilja hi kollha l–istess?
- Kif taqbdek l–emofilja?
- X'inhu ċ–ċans li t–tarbija jkollha l–emofilja?
- L–emofilja hi kundizzjoni għal ħajtek kollha?


© World Federation of Hemophilia

# Kif jimxi d-demm madwar il-ġisem?

- L–emofilja hi kundizzjoni fid–demm. Għalhekk huwa importanti li wieħed jifhem kif taħdem is–sistema tad–demm.
- Il–qalb tippompja d–demm madwar il–ġisem.
- Id–demm jimxi madwar il–ġisem minn tubi li jissejħu ***arterji***, ***vini***, u ***kapillari***. Xi wħud huma kbar (l–arterji u l–vini) waqt li oħrajn huma żgħar (il–kapillari).

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia




WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# Kif jibda u kif jieqaf id-demm?

- It-telf ta' demm jibda meta tinfaqa' kapillari u jibda jnixxi d-demm.
- Il-kapillari tidjieq biex tgħin biex jonqos l-ammont ta' demm li joħroġ.
- Imbagħad, ċelloli tad-demm li jissejħu platelets, jifformaw bħal tapp biex jagħlqu t-toqba.
- Li jkun imiss hu, li ħafna mill-fatturi li jifformaw tagħqid fil-plażma (parti mid-demm), jaħdmu flimkien biex jgħattu l-plakka. Dan isaħħaħ il-plakka u jwaqqaf it-telf ta' demm.

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia



WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# Għala persuni bl-emofilja, xi drabi jdumu jnixxu d-demm aktar minn persuni oħra?

- Fl-emofilja, wieħed mill-fatturi ta' tagħqid huwa nieqes, jew il-livell ta' dak il-fattur huwa baxx. Dan jagħmilha diffiċli għad-demm biex jifforma għoqda u għalhekk id-demm idum aktar mis-soltu u mhux jgħaġġel iktar.

- Peress li hemm ħafna fatturi ta' tagħqid fil-plażma, kull fattur ingħata numru Ruman.

**Eżempju:**

VIII = tmienja

IX = disgħa

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

**Proċess normali ta' tagħqid tad-demm**





Tagħqid fl-emofilja









= emofilja

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# L-emofilja hi kollha l-istess?

- Persuni li għandhom il–fattur VIII (tmienja) baxx għandhom l–***emofilja A***.
- Persuni li għandhom il–fattur IX (disgħa) baxx għandhom l–***emofilja B***.
- L–emofilja tista' tkun ħafifa, moderata jew severa, jiddependi mil–livell tal–fattur ta' tagħqid.

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

**Gradi ta' severità**



**Normali**
**50 - 150%**
Id-demm jieqaf b'mod normali

---





**Emofilja ħafifa**

**5-40%**

Jekk il-livell tal-fattur jaqbeż l-40%, normalment it-telf ta' demm ma jdumx aktar min-normal.

Jekk il-livell tal-fattur huwa inqas minn 40%, it-telf ta' demm idum aktar min-normal, normalment wara korriment jew operazzjoni.



**Emofilja moderata**
**1 - 5%**

It-telf ta' demm idum aktar min-normal wara xi korriment jew operazzjoni.

Hemm probabbiltà ta' tbenġil jew telf ta' demm.



**Emofilja severa**
**normalment inqas minn 1%**

It-telf ta' demm iseħħ mingħajr raġuni.

© World Federation of Hemophilia

# Kif taqbdek l-emofilja?

- L-emofilja titwieled biha. ***Ma tittiħidx*** minn persuna għal oħra.

- Normalment, l-emofilja tintiret. Dan ifisser li tgħaddi mill-***ġeni*** tal-ġenitur. Il-ġeni jġorru messaġġi dwar kif jaħdmu ċ-ċelloli tal-ġisem. Pereżempju l-ġeni jiddeterminaw il-kulur tax-xagħar u tal-għajnejn tal-persuna.

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia




WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# X'inhu ċ-ċans li tarbija jkollha l-emofilja?

- Il-ġeni jinsabu fuq il-***kromożomi***. Tnejn minn dawn il-kromożomi (l-***X*** u l-***Y***) jiddeterminaw is-sess tal-persuna. In-nisa jitwieldu bi tnejn mill-kromożoma X. L-irġiel jitwieldu bi kromożoma X u kromożoma Y.

- Il-ġene tal-emofilja tinġarr fuq il-kromożoma X.

- Raġel li għandu l-emofilja jgħaddi l-ġene tal-emofilja lil uliedu l-bniet kollha. Hu ma jgħaddix din il-ġene lil uliedu subien. Uliedu l-bniet jissejħu ***carriers*** minħabba li għandhom il-ġene tal-emofilja.

- Meta l-carrier tkun tqila, hemm ċans wieħed minn tnejn li din se tgħaddi l-ġene tal-emofilja lit-tarbija. Jekk ikollha tifel, dan se jkollu l-kundizzjoni tal-emofilja. Jekk ikollha tifla, din se tkun carrier bħal ommha.

- Xi drabi t-tarbija titwieled bl-emofilja avolja l-omm ma tkunx carrier. Dan jiġri minħabba li l-fatturi VIII jew IX jinbidlu biss f'ġisem it-tarbija. Wieħed minn kull tlett itrabi li jitwieldu bl-emofija, m'għandhomx din il-kundizzjoni fl-istorja tal-famija.

*X* = **kromożoma tas-sess bil-ġene tal-emofilja**

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia




WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# L-emofilja hi kundizzjoni għal ħajtek kollha?

- Persuna li titwieled bl–emofilja tibqa' b'din il–kundizzjoni għal ħajjitha kollha.
- Il–livell tal–fattur VIII jew IX fid–demm, aktarx li jibqa' l–istess tul ħajjitha kollha.

© World Federation of Hemophilia



WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia